MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Numru 306/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Paul Miruzzi)**

**Vs**

**Jason Zammit**

**Illum 25 ta' April, 2008**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijet li permezz taghhom Jason Zammit ta' 25 sena iben Grezzju u Giacinta xebba Zammit imwieled Pieta fil-25 ta' Mejju 1982 u residenti 'Horison' Triq Salvu Psaila, Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita numru 308582 (M).

U huwa akkuzat talli fil-11 ta’ April 2008 u fil-granet ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin minnu li jiksru l-istess dispozzzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda;

1. fl-istess, perjodu, lok u cirkostanzi ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja ghaqda ta’ zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reat kriminali.
2. fl-istess, perjodu, lok u cirkostanzi dolozament xerred ahbarijiet foloz illi x’aktarx allarmaw lill-pubbliku jew kisru l-bon-ordni pubbliku jew il-paci pubblika inkella gabu agitazzjoni fost il-pubbliku jew fost xi klassijiet tal-pubbliku; u aktar talli
3. fl-istess, perjodu, lok u cirkostanzi xewwex gemgha ta’ nies, illi hekk imxewxa ingabru f’numru zghar jew aktar, sabiex jaghlu reat; u aktar talli
4. fl-istess, perjodu, lok u cirkostanzi pubblikament xewwex persuni ohra biex jaghmlu reat; u aktar talli
5. fl-istess, perjodu, lok u cirkostanzi pubblikament xewwex lil persuni ohra biex jiksru il-ligi; u aktar talli
6. fl-istess, perjodu, lok u cirkostanzi b’xi mezz permezz tal-pubblikazzjoni jew tqassim f’Malta ta’ stampat, kien x’kien il-post li minnu origina dak l-istampat, jew bil-mezz ta’ xi xandir instiga direttament l-eghmil ta’ xi reat; u aktar talli
7. fl-istess, perjodu, lok u cirkostanzi b’xi mezz permezz tal-pubblikazzjoni jew tqassim f’Malta ta’ stampat, kien x’kien il-post li minnu origina dak l-istampat, jew bil-mezz ta’ xi xandir xerred ahbarijiet foloz illi setghu jallarmaw l-opinjoni pubblika, jew iddusturbaw il-bonordni jew il-paci pubblika, jew setghu holqu agitazzjoni fost il-pubbliku jew fost certi klassijiet tal-pubbliku; u aktar talli
8. fl-istess, perjodu, lok u cirkostanzi permezz ta’ xi *network* jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel reat jew ghamel uzu iehor mhux xieraq; u aktar talli

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok PM1 u nnutat li l-imputat Jason Zammit m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li nkwantu ghall-ewwel akkuza, ghat-tieni akkuza, it-tielet akkuza, ir-raba’ akkuza, il-hames akkuza, is-seba’ akkuza u t-tmien akkuza migjuba kontra l-imputat, dawn l-akkuzi inghataw bhala akkuzi alternattivi ghas-sitt akkuza migjuba kontra l-imputat u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza, tieni akkuza, tielet akkuza, raba’ akkuza, hames akkuza, seba’ akkuza u tmien akkuza.

Innutat ukoll il fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tas-sitt akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tas-sitt akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li jiddispjacih dwar l-akkadut. Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u dan anke mill-istadju inizjali tal-investigazzjonijiet.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 16 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Jason Zammit, fuq ammissjoni, hati tas-sitt akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u dana anki mill-istadju inizjali tal-

investigazzjonijiet, li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li jiddispjacih dwar l-akkadut u l-fedina penali netta tal-imputat, tillibera lill-imputat Jason Zammit taht il-Provediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Rigward l-ewwel akkuza, it-tieni akkuza, it-tielet akkuza, ir-raba' akkuza, il-hames akkuza, is-seba' akkuza u t-tmien akkuza migjuba kontra l-imputat, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward dawn l-imsemmija akkuzi u kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza, it-tieni akkuza, it-tielet akkuza, ir-raba' akkuza, il-hames akkuza, is-seba' akkuza u t-tmien akkuza migjuba kontra l-imputat.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Jason Zammit l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22 (3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------